FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 21 TA' GUNJU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Kylie Borg)

vs

Justin Louis Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 209288m akkuzat talli:

a. fit-13 ta' Novembru 2012, gewwa l-Floriana, ghal habta tas-6.00am waqt li kien qed isuq jew qieghed fil-kontroll ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni JUSTIN 19, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' John Jones, kif iccertifika t-tabib A.Portelli M.D mill-isptar Mater Dei - bi ksur tal-Artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9;
b. fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JUSTIN 19 b'manjiera perikoluza - bi ksur ta'l-Artikolu 15(1A)(2) tal-Kap 65;

Il-Qorti mitluba fil-kaz ta' htija li tiskwalifika l-imputat mill-licenzi kollha tieghu tas-sewqan;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti; semghet il-prosekuzzjoni titratta u ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta incident stradali li fih ittajret persuna vicin il-monument tal-Indipendenza, il-Floriana, b'konsekwenza li din sofriet feriti gravi. L-imputat hu akkuzat li hu responsabbli ghat-tali incident u konsegwenti feriti sofferti mill-parti leza. Hu akkuzat ukoll li saq l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JUSTIN 19 b'manjiera perikoluza;

Intant, huwa principju kardinali fil-kamp tal-provi li minn jallega jrid jipprova, liema prova dwar it-tort tal-imputat ghall-incident u l-konsegwenzi tieghu, kienet tispetta lill-prosekuzzjoni. Fl-

ambitu ta' dina l-prova l-prosekuzzjoni tellghet tixhed il-parti leza li, ghajr l-griehi li sofriet minhabba l-incident, ma ftakret xejn aktar; dan apparti pero' il-prosekuzzjoni esebit lis-skizz tal-incident u faxxikolu ritratti. Huwa proprju dawn ir-ritratti li joffru l-ahjar indikazzjoni ta' kif sehh l-incident. Issir referenza specifika ghal dawk mir-ritratti li juri d-demm fit-triq almenu tnejn jew tlett metri l-boghod mill-bankina u t-ticpis demm fuq il-genb ta' wara tax-xellug tal-vettura, fatti dawn li jaghtu konferma u kredibilita' lix-xhieda tal-imputat li konsistentement sostna li kienet il-parti leza li qabdet u qasmet u baqghet diehla fil-genb ta' wara xellugi tal-vettura. Veru li jistqarr li huwa lill-parti leza ma rahx pero' similment jistqarr l-istess parti leza li fil-kaz 'de quo' bhala pedonali wkoll kellu l-obbligi u d-doveri tieghu, anzi kien jinkombi fuqu, fic-cirkostanzi, li jaccetra li t-triq hi libera qabel jaqsam. Fatt dan li kjarament ma ghamilx tant li habat hu fil-vettura u mhux l-oppost.

Huwa ghalhekk li l-Qorti hi tal-fehma li l-incident kien inevitabbli u estranju ghall-imputat li kwindi m'ghandux jinstab hati.

Ghaldaqstant, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

A.M.Trigona

Magistrat